

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2014 – Groupe Léa Nature vs UASI – Debonair Trading Internacional (SO'BiO ċtic)**

(Kawża T-341/13) <sup>(1)</sup>

*[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva SO’BiO ċtic — Trade mark Komunitarja u trade mark nazzjonali verbali preċedenti SO...? — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta’ użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009”]*

(2014/C 388/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Groupe Léa Nature (Périgny, Franza) (rappreżentant: S. Arnaud, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. Geroulakos u V. Melgar, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Debonair Trading Internacional Lda (Funchal, il-Portugall) (rappreżentant: T. Alkin, barrister)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Marzu 2013 (Każ R 203/2011-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Debonair Trading Internacional L<sup>da</sup> u Groupe Léa Nature SA.

**Dispożittiv**

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-26 ta' Marzu 2013 (Każ R 203/2011-1) hija annullata.
- 2) L-UASI u Debonair Trading Internacional Lda huma kkundannati kull wieħed ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, kif ukoll l-ispejjeż ta' Groupe Léa Nature SA.

<sup>(1)</sup> ĠU C 260, 07.09.2013.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2014 – Kadhaf Al Dam vs Il-Kunsill**

(Kawża T-348/13) <sup>(1)</sup>

*(Politika barranija u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda minħabba s-sitwazzjoni fil-Libja — Iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Obbligu ta’ motivazzjoni — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Modulazzjoni tal-effetti ratione temporis ta’ annullament — Responsabbiltà mhux kuntrattwali)*

(2014/C 388/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Ahmed Mohammed Kadhaf Al Dam (il-Kajr, l-Eġittu) (rappreżentant: H. de Charette, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Vitro u V. Piessevaux, aġenti)